VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,163, 8 ta' Novembru, 2013
Taqsima B

A.L. 390 tal-2013

ATT TAL-2013 DWAR IS-SAĦĦA
(ATT XI tal-2013)

Regolamenti tal-2013 dwar il-Funzjonijiet u r-Responsabbiltajiet tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7 u 31 tal-Att dwar is-Saħħa, il-Ministru għas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2013 dwar il-Funzjonijiet u r-Responsabbiltajiet tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-25 ta' Ottubru, 2013.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

Att XI tal-2013.

"Att" tfisser l-Att tal-2013 dwar is-Saħħa;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-Saħħa.

Funzjonijiet u responsabbiltaji et tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa.

3. (1) Tkun il-funzjoni tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa b'mod ġenerali li jassigura l-operat u l-forniment effettiv u effiċjenti tas-servizzi tas-saħħa b'emfażi fuq il-governanza klinika u korporattiva, l-għoti tas-servizz u l-evalwazzjoni tal-kwalità f'qafas stabbilit ta' deċentralizzazzjoni u awtonomija kkontrollata li tinvolvi l-parteċipazzjoni ta' dawk li jużaw l-istess servizz.

(2) B'mod partikolari fost il-funzjonijiet u d-dmirijiet tiegħu, dan id-Dipartiment għandu:

(a) jassigura il-kwalità tas-servizz mogħti mis-sistema pubblika tas-saħħa;

(b) jassigura li l-i*standards* u r-regolamenti adottati mill-Gvern ikunu implimentati mill-forniturі tas-servizzi tas-saħħa;

(ċ) jipprovdi ambjent sikur għall-impjegati u għal min juża' s-servizzi;

(d) biex jissorvelja l-governanza tajba tas-servizzi tas-saħħa tal-istat;

(e) jassigura li s-servizzi pubbliċi tas-saħħa huma effettivi, ta' għajnuna u jirrispondu għall-ħtiġiet tal-utenti;

(f) jikkordina bejn il-forniturі pubbliċi tas-servizzi tas-saħħa sabiex ikun assigurat l-għoti integrat u allinjat tas-servizz;

(g) jiżviluppa politika u sinerġiji operattivi sabiex jinżamm servizz integrat u bla xkiel, kemm fil-livell ta' komunità kif ukoll dak istituzzjonali;

(h) jagħti pariri fuq l-allokazzjoni tar-riżorsi umani, finanzjarji u oħrajn bejn il-forniturі pubbliċi tas-servizzi tas-saħħa;

(i) jikkordina l-aspetti professjonali tal-forniment tas-servizzi tas-saħħa, inkluż it-taħriġ u l-iżvilupp *postgraduate*;

(j) jantiċipa l-bżonnijiet ta' persunal professjonali, u riżorsi umani oħra, u jikkollabora ma' terzi, inkluż l-Università, l-MCAST u istituzzjonijiet oħra, kemm pubbliċi u privati, sabiex jassigura t-taħriġ u l-iżvilupp tal-professjonisti tas-saħħa u ta' persunal ieħor skond il-ħtiġiet tagħhom;

(k) jikkordina bejn is-sistemi tas-saħħa u tal-kura soċjali;

(l) jimplimenta ftehim ta' livelli tas-servizz ma' forniturі pubbliċi tas-servizz tas-saħħa sabiex jassigura l-ħidma xierqa tal-organizzazzjonijiet tal-istess servizzi pubbliċi tas-saħħa;

(m) jistabbilixxi għanijiet u indikaturi għar-riżultati kliniċi;

(n) jissorvelja l-ħidma u r-riżultati ta' forniturі pubbliċi tas-servizz tas-saħħa biex jiġi żgurat li r-riżorsi qed jintużaw b'mod effettiv u effiċjenti;

(o) jagħti pariri fuq mudelli innovattivi tal-għoti tas-servizzi permezz ta' konsultazzjoni mal-partijiet interessati, inklużi l-għaqdiet li jirrappreżentaw il-ħaddiema;

(p) jirrappreżenta lill-Ministeru fin-negozjati ta' kull ftehim, inkluż kull ftehim kollettiv, mal-għaqdiet li jirrappreżentaw lill-professjonisti u persunal ieħor;

(q) iżomm netwerking nazzjonali u internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u jirrappreżenta lill-Gvern f'fora

VERŻJONI ELETTRONIKA

internazzjonali relatati mas-saħħa pubblika;

(r) jikkopera ma' organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali, partikolarment mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea involuti fis-saħħa, dwar kwistjonijiet fil-kompetenza tad-Dipartiment;

(s) jippromwovi r-riċerka, t-tagħlim u t-taħriġ;

(t) iwettaq dik il-funzjoni jew funzjonijiet oħra li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi u jordna;

(u) jimplimenta kwalunkwe materja oħra meħtieġa għat-twettiq tal-missjoni tad-dipartiment, u għall-eżekuzzjoni tad-dmirijiet li jappartjenu lill-Istat, kif stabbilit fl-Att.